MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1091/2010

**Mobisle Communications Limited – C-24655**

**vs**

**Desira Doreen**
**ID-252982(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf u sebgha u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1,067.41c), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-Socjeta' attrici in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-Socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru *500177* u dan fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat 2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf  u sebgha u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1,067.41c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------